TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 109/14-F

**Natalie Cardona**

**vs**

**Sullivan & Sullivan Travel Ltd.**

Illum 9. ta' Diċembru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-30 ta' Mejju, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħames mija u tmenin ewro (€580), rappreżentanti diversi nuqqasijiet fuq il-vjaġġ lejn Tuneż.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija ħallset elf, mitejn u ħamsin ewro, u tmienja u sittin ċenteżmi (€1,250.68) rappreżentanti prezz ta' vaganza lejn Tuneż, fejn kien hemm ħafna nuqqasijiet fosthom il-kamra kienet ta' kwalita' inferjuri, ikel ma tantx kien hemm, u kien hemm in-nuqqas ta' *tour leader*, u li suppost kienet lukanda 4 star imma kienet 3 star, problema li nqalgħet meta marru *excursion* Carthageland minflok damu nofs ġurnata, kienu damu siegħa u ma kienx hemm *playing area* għat-tfal.

L-intimat issottometta illi seta' kien il-każ li kien hemm ħafna nies, pero' ikel kien hemm abbundanti u l-hotel hija tajba, waqt li hu qed jinsisti li l-hotel hija 4 star u l-istess ħaġa li minħabba n-nies li kien hemm fl-*excursion* ta' Carthageland in-nies damu biex jidħlu, pero' xorta rawha.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi r-rikorrenti għandha raġun tilmenta b'diversi nuqqasijiet fosthom in-nuqqas ta' l-ikel, il-kamra u l-*excursion* ta' Carthageland.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**